20 ta' Marzu 1967.

**Imħallfin:—**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D. President.**
**Onor. Prof. J.J. Cremona, B.A., K.M., LL.D., D.Litt.(Rome), B.A. Hons.(Lond), Ph.D.(Lond), F.R.Hist.S. Viċi-President.**
**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Conċetta Cutajar

*versus*

Prof. Carmelo Robinich

**Mandat ta' żgumbrament — Numru tal-bieb — Sentenza — Bord tal-Kera, tal.**

*Mandat ta' żgumbrament maħruġ in eżekuzzjoni ta' sentenza tal-Bord tal-Kera jista' jiġi eżegwit anke jekk in-numru tal-bieb fuq liema l-eżekuzzjoni tkun sejra ssir jidher indikat żbaljatament minħabba li l-inkwilin fil-kors tal-kawża quddiem il-Bord tal-Kera jkun issostitwieh b'numru ieħor differenti. Dan hu speċjalment il-każ meta bieb tal-post kien ilu indikat bin-numru li jidher fuq is-sentenza għall-żmien twil u ma ġiex mibdul in konsegwenza ta' xi awtorita.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla

tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina illi bih l-attriċi — premessa kwalunkwe dikjarazzjoni necessarja u mogħti kull provvediment opportun — premess illi b'sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera fil-kawża fl-istess ismijiet mogħtija fil-11 ta' Ġunju, 1961 l-attriċi otteniet l-iżgumbrament tal-konvenut mill-post numru 17, Cachia Zammit Street, Birżebbuġia; u premess illi meta l-Marixxal esekutur tal-mandat ta' żgumbrament mar fuq il-post sabu mmarkat bin-numru 2 fuq dak 17 u ma setax jesegwixxi l-istess mandat; u premess li l-Bord, b'deċiżjoni tiegħu tas-27 ta' Lulju, 1961 ordna li l-istess mandat jiġi sospiż sakemm il-Qorti kompetenti tiddeċiedi jekk l-istess mandat jistax jiġi eżegwit fuq il-fond okkupat mill-konvenut u li fuqu saret il-kawża ta' żgumbrament (Dokument A eżibit maċ-ċitazzjoni); u premess li l-fond okkupat mill-konvenut huwa uffiċjalment numru sbatax (17) u kull numru fuqu huwa ħażin u sar mingħajr ebda dritt fil-liġi, talbet li, għar-raġunijiet premessi jiġi dikjarat minn din il-Qorti illi l-fond li minnu ġie kkundannat jiżgombra l-konvenut iġib uffiċjalment in-numru 17 u l-ebda numru ieħor. Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha qal illi l-attriċi m'għandhiex interess li tipproponi l-azzjoni kif ipproponietha; l-interess li għandha huwa dak li tipproponieha skond id-degriet tal-Bord, cioè fit-termini li l-mandat jista jiġi esegwit fuq il-fond okkupat mill-intimat u li fuqu saret il-kawża quddiem il-Bord tal-Kera deċiża fit-18 ta' April, 1961. Salvi eċċezzjonijiet oħrajn jekk ikun il-kas;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-16 ta' Jannar, 1967 li biha ddeċidiet billi ddikjarat illi t-talba ma hiex pruvata, spejjes bla taxxa, wara li kkunsidrat —

Omissis.

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attriċi u l-petizzjoni tagħha li biha talbet illi dik is-sentenza tiġi riformata fis-sens li t-talba tagħha tiġi milqugħa bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut.

Rat ir-risposta tal-konvenut li qal illi s-sentenza appellata in kwantu ddikjarat illi t-talba ta' l-attriċi mhix pruvata hi ġusta u tistħoqq konferma bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi. Fl-istess ħin hu interpona appell inċidentali mill-kap ta' l-ispejjes u talab illi l-ispejjes kollha jiġu akkollati lill-attriċi.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat —

Fit-18 ta' April, 1961 l-appellanti, f'kawża quddiem il-Board li Jiregola l-Kera, otteniet kontra l-appellat sentenza ta' żgumbrament. Iż-żmien mogħti għall-iżgumbrament kien jagħlaq fl-aħħar ta' Mejju, 1961. Il-mertu ta' dik il-kawża mhux qiegħed bl-ebda mod quddiem il-Qorti; il-Qorti għandha quddiemha biss kwistjoni li għandha x'taqsam ma l-eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza. Intant għaddew kważi sitt snin minn mindu dik is-sentenza kellha tiġi eżegwita u l-appellanti għad ma rnexxilhiex tottjeni dik l-esekuzzjoni. U dan kollu, sostanzjalment għaliex, waqt il-proċeduri quddiem il-Bord, l-appellat kif ammetta hu stess żebagħ in-numru 17 li kien hemm fuq il-fond in kwistjoni u li bih dak il-fond kien ġie indikat f'dawk li stess proċeduri, u għamel numru ieħor, in-numru 2. Minħabba dan meta l-Marixxal mar biex jesegwixxi d-deċiżżjoni tal-Bord sab diffikoltà għall-eżekuzzjoni, anki peress illi fuq in-naħa l-oħra tat-triq kien hemm fond ieħor (garage, immarkat bin-numru 17).

Meta inqalgħet din id-diffikolta, il-Board, b'degriet tas-27 ta' Lulju, 1961, ordna illi l-mandat ta' l-iżgumbra-

ment jiġi sospiż sakemm il-Qorti kompetenti tiddeċidi jekk l-istess mandat jistax jiġi eżegwit fuq il-fond okkupat mill-(appellat) u li fuqu saret il-kawża quddiem il-Bord deċiża fit-18 ta' *April, 1961.*

Qabel ma ta dan id-degriet il-Bord kien sama xi provi fuq l-inċident. Din il-Qorti taħseb illi, kieku fost dawk il-provi, irriżulta fil-Bord dak illi l-appellat, imbagħad, xehed fil-kors ta' din il-kawża, kien żgur jordna li l-esekuzzjoni titmexxa l-quddiem u ma kienx jagħti l-ordni li ta. Difatti, kif ġa intqal, il-fond in kwistjoni kien ġie mikri lill-appellat jew lill-predeċessuri tiegħu **bin-numru 17: fiż-żmien** li inbdew il-proċeduri quddiem il-Bord, il-fond kien iġib **biss dak in-numru 17:** dak kien l-uniku fond li l-appellanti kienet tikri lill-appellat f'dik it-trieq; dak kien **l-uniku fond** *f'dik it-trieq okkupat mill-appellat; il-fond l-ieħor* **fl-istess** trieq, li ukoll kien iġib dak in-numru, kien garage u, kif qal il-Marixxal, u kien evidenti, ma kellu xejn x'jaqsam la ma l-appellanti, la ma l-appellat u lanqas mal-proċeduri quddiem il-Bord. Issa l-appellat xehed, illi **wara li kienu ġa bdew il-proċeduri quddiem il-Bord**, hu, minn rajh għar-raġunijiet li semma, **neħħa in-numru 17 li kien hemm fuq il-bieb u minfloku għamel** in-numru 2": u jidher illi, għalkemm kif qal hu stess, "il-kawża quddiem il-Bord kienet bdiet iżda s-sentenza kienet għadha ma ingħatatx", hu ma infurmax b'dan it-tibdil li kienu għamel, la lill-appellanti u lanqas lill-bord.

Appena hemm bżonn jingħad illi l-appellat ma kellu ebda dritt, u partikolarment f'dak li stadju, jagħmel dak it-tibdil: id-disgwid li inqala wara, dwar l-eżekuzzjoni kien kollu dovut għal dak it-tibdil u m'hemmx dubju illi kieku in-numru tħalla fuq il-bieb kif kien, ċioè in-numru 17 (anki jekk 'ex ipotesi' dak in-numru kien żbaljat) ma kienet tinqala ebda diffikolta għall-esekuzzjoni tad-deċiżżjoni tal-

Bord: ma kien ikun hemm ebda dubju dwar l-identità fisika tal-fond li dwaru kienet il-kawża u li dwaru l-Bord kien ordna li żgumbrament u n-numru fuq il-fond kien ikun jikkorrispondi eżattament ma dak indikat fis-sentenza tal-Bord: ċioè ma kien ikun hemm ebda kwistjoni ta' xi żbail fin-numru.

Iżda, sfortunatament, il-fatt tat-tibdil magħmul mill-appellat, ma jidhirx li rriżulta lill-Bord meta ta d-digriet fuq imsemmi tas-27 ta' Lulju, 1961.

L-appellanti meta għamlet iċ-ċitazjoni fil-kawża preżenti ma fformulatx it-talba tagħha fit-termini eżatti tad-degriet tal-Bord. B'daqshekk ħolqot, bla neċessità, diffikultajiet għaliha in-nifisha. Kieku hi ifformulat it-talba tagħha fit-termini tad-degriet tal-Bord, ma tantx jidher li jista jkun hemm dubju illi l-eżitu tal-kawża kien ikun iktar spedit u aktar faċili.

Dan, però ma ifissirx, kif jippretendi l-appellat, illi għaliex l-appellanti ifformulat it-talba tagħha b'mod divers mid-digriet tal-Board, b'daqshekk hemm xi nullità. Anqas hu fondat dak li jgħid l-appellat illi hu m'għandux "interess" li jikkontesta t-talba kif magħmula: Fil-fatti ikkontestaha u l-kawża ġiet deċiża, fi prim'istanza favur tiegħu, appuntu fuq il-kontestazzjoni tiegħu. Hu għandu manifestament interess jikkontestaha għaliex it-talba hi bażata fuq il-premessi li hemm għaliha u dawn il-premessi huma fis-sens illi l-appellanti għamlitha preċiżament għax inqalgħet id-diffikoltà fil-esekuzzjoni tad-deċiżżjoni tal-Bord fil-kawża li kellha qabel kontra l-appellat. Fl-aħħarnett lanqas hu korrett li jingħad illi din il-kawża, kif magħmula, kellha ssir kontra l-Kummissarju tal-Puli-

zija jew illi l-Kummissarju tal-Pulizija kellu jkun parti fiha, għaliex oġġett u skop ta' din il-kawża hu biss li tiġi dikjarata diffikoltà li inqalgħet **bejn il-kontendenti rigward kawża preċedenti bejniethom**, u l-ambitu tal-kawża hu hekk limitat, u dak li l-appellanti trid u li għaliha, għal daw il-finijiet, hu biżżejjed hu — kif tgħid testwalment iċ-ċitazzjoni — illi **"għar-raġunijiet premessi** jiġi mill-Qorti dikjarat illi l-fond **li minnu** (l-appellat) **ġie dikjarat jiżgombra** iġib uffiċjalment in-numru 17 u l-ebda **numru ieħor"**.

Issa din il-Qorti, wara li eżaminat bir-reqqa hi wkoll il-provi kollha ma jidhrilhiex, bir-rispett kollu, li tista taqbel mal-konklużjon raġġunta mill-ewwel *Onorabbli Qorti*.

Ma jistax ikun hemm kwistjoni illi l-fond fid-diskussjoni hu l-istess fond li l-appellanti kienet wirtet minn għand il-ġenituri tagħha **Ferdinando Giuseppe Cassar** u l-ewwel mara tiegħu **Grazia Cassar**. Il-fond mess lill-appellanti fid-diviżżjoni li saret fl-atti tan-Nutar *Dottor Carmelo Farrugia* fis-17 ta' Awissu, 1933. Dak iż-żmien il-fond kellu n-numru 17 u t-triq kienet indikata bħala Strada Salvatore Cachia Zammit. Dik it-triq kienet, qabel, jisimha Via Kajenza, iżda mid-dokument jidher illi l-fond in kwistjoni, anki fl-1906, kellu l-istess numru 17. L-isem tat-triq tbiddel minn Via Kajenza għal Strada Salvatore Cachia Zammit fl-1921 kif jidher mill-Gazzetta tal-Gvern ta' l-1 ta' April ta' dik is-sena. L-isem preżenti tat-triq ġie assenjat lilha fil-1937 kif jidher mill-Gazzetta tal-Gvern ta' l-14 ta' Settembru, ta' dik is-sena.

Għaż-żmien kollu mela, żgur **mill-1906**, sa kemm l-appellat biddlu kif intqal fil-kors tal-proċeduri quddiem il-Bord, in-numru li kellu fuq il-fond kien in-numru 17 u ebda numru ieħor: u *fil-fehma* tal-Qorti, indubbjament għall-fini-

jiet kollha ta' din il-kawża u tal-kawża tal-Bord, dak għandu jitqies li kien in-numru "uffiċjali" tiegħu. Skond l-artikolu 101 tal-Kodiċi ta' l-Liġijiet tal-Pulizija, "is-sid ta' dar għandu, fi żmien sebat ijiem minn avviż tal-pulizija, ipinġi fuq kull bieb ta' barra in-numru li jkun imiss lil dak il-Bieb, skond in-numri tal-bibien l-oħra, meta jkun hemm fl-istess triq." M'hemmx prova f'din il-kawża illi dak in-numru 17 kien ġie impinġi fuq il-fond in segwitu għal xi ordni mogħti mill-pulizija; iżda, jekk għandha ssir xi preżunzjoni, din għandha tkun fis-sens illi dak li kien eżistenti u baqa jeżisti għal ma dwar 60 sena kien konformi u mhux li kien kuntrarju għal-liġi. Mix-xhieda ta' Piju Cassar jirriżulta illi, fuq it-30 sena ilu, in-numru tal-fond bieb ma bieb mal-fond in kwistjoni, kien 16, u għalhekk numru 17 kien regolarment isegwi.

Jekk hemm xi ħaġa li żgur m'hijiex "uffiċjali" hi t-tibdil li għamel fin-numru l-appellat, u talvolta t-tibdil fil-bibien l-oħra li sata sar.

Skond is-subartikolu (3) ta' l-imsemmi artikolu 101 tal-Kodiċi fuq ċitat "ħadd ma jista jgħarraq jew iħassar in-numru ta' ebda bieb": u l-appellat ħassar in-numru 17. Barra minn dan, skond l-artikolu 102, "meta minħabba l-bini ta' djar ġodda jew il-ftuħ ta' bibien ġodda, jew għal raġunijiet oħra, il-Ministru jordna li jiġu mbiddlin in-numri tal-bibien tad-djar ta' triq...... kull ordni bħal dan għandu jiġi maħruġ fil-Gazzetta tal-Gvern, b'notifikazzjoni tal-Gvern jew b'avviż iffirmat mid-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi." Mill-provi fil-kawża jirriżulta illi mill-1933 il hawn — cioè miż-żmien li l-fond inkwistjoni kien ilu żgur almenu għal 27 sena iġib in-numru 17 — ma kien hemm ebda tibdil awtorizzat u pubblikat kif intqal. Li Spettur Spiteri qal sewwa, meta xehed, "Jiena ngħid li għad hemm l-istess numri fuq

il-bibien li kien għad hemm fl-1945, għax uffiċjalment ma ġie ordnat ebda tibdil." Jekk b'dan il-mod ser ikun hemm konfusjoni ta' numri ma dawk li issa għandhom il-fondi fuq l-istess naħa tat-triq, li jiġu qabel jew wara, il-fond in kwistjoni, jew minħabba n-numri li għandhom il-fondi fuq in-naħa l-oħra tat-trieq, hu irrilevanti għall-finijiet ta' din il-kawża: imiss lill-Awtorità kompetenti li tirrimedja: il-konfusjoni tidher li ġrat appuntu għaliex kif qal dak l-ispettur "f'dawn l-aħħar snin żdied ħafna bini f'dik it-triq" mentri n-numri li hemm attwalment fuq il-bibien bħal tal-fond in-kwistjoni huma antiki ħafna.

Għab-bażi tal-provi ma hux korrett dak li jingħad fis-sentenza appellata, ċioè illi qabel (l-appellat) kiteb in-numru 2 fuq il-fond, dan kien varjament indikat bħala numru 17 u bħala numru 2" jekk bil-kelma "indikat" wieħed jifhem x'kien in-numru li l-fond kien isib fuqu. Numru fuq il-fond qabel l-appellat biddlu, kien hemm numru wieħed biss, in-numru 17. L-appellat in-nifsu xehed, kif ġa ġie rilevat, illi: "meta hu poġġa in-numru 2, ma poġġiehx għaliex kien hemm diġà in-numru 2, imma għaliex il-bieb ta' l-isfel minnu huwa 1A u ta' qablu iġib in-numru 1, u dawk ta' l-fuq minnu iġib in-numru 3 u ta' warajh......". Iżda la darba in-numru tal-fond in kwistjoni kien 17 u hekk kien ilu għal 60 sena żgur, in-numerazzjoni, jekk għandha ssir, biex ma jkunx hemm konfużjoni, imiss, kif intqal lill-Ministru.

Għalhekk fil-fehma tal-Qorti l-appell prinċipali għandu jiġi milqugħ, u għall-istess raġunijiet ma jistax jiġi milqugħ l-appell inċidentali.

Dan kollu apparti l-fatt illi dwar l-identità tal-fond fejn kellu jsir l-iżgumbrament ma kien hemm u ma jmissu kien hemm qatt realment ebda dubju.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-appell inċidentali tal-appellat u tilqa l-appell prinċipali u kwindi tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa t-talba ta' l-appellanti bl-ispejjes taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.